# QORTI KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. J.G. GALEA DEBONO B.A., LL.D.

**Att. tal-Akkuza 13/1998**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**Vs**

**Mario Pollacco**

Illum 21 ta' Gunju, 2002

Il-Qorti,

Rat il-verdett tal-gurati li bih bi tmien (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra sabu lill-akkuzat Mario Pollacco hati tal-akkuza taht l-ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza, kif ukoll unanimament hati ta' recidiva wkoll skond l-ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza,
U
B'sitt (6) voti favur u bi tlett (3) voti kontra sabu lill-akkuzat Mario Pollacco mhux hati skond it-tieni Kap tal-Att tal-Akkuza, izda hati biss ta' serq ta' flus u oggetti li jiswew aktar minn elf lira, liema serq huwa kwalifikat bil-valur, bil-lok, bil-persuna u bil-vjolenza, liema vjolenza kienet tikkonsisti biss f'theddid ta' omicidju u bi hsara fil-propjeta';
U wkoll unanimament sabu lill-akkuzat hati ta' recidiva skond it-tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;

Tiddikjara lil Mario Pollacco hati :

Talli fit-Tlieta (3) ta' Gunju tas-sena 1998 fl-Imsida, ikkommetta omicidju volontarju fuq il-persuna ta' Rosaria sive Rose Mary Schembri u cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja tal-istess Rosaria sive Rose Mary Schembri f'perikolu car, ikkagunalha l-mewt u talli sar recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' Frar, 1998, liema

sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula u li biha gie misjub hati u kkundannat ghal reat;

U

Tiddikjara wkoll lil Mario Pollacco hati talli fl-istess jum u post ikkommetta serq ta' flus u oggetti li jiswew aktar minn elf lira ghad-dannu tal-istess Rosaria sive Rose Mary Schembri, liema serq hu kwalifikat bil-valur, bil-lok, bil-persuna u bil-vjolenza, liema vjolenza kienet tikkonsisti biss f'theddid ta' omicidju u hsara fil-propjeta', kif ukoll talli sar recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' Frar, 1998, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula u li biha gie misjub hati u kkundannat ghal reat;

Semghet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni dwar il-piena u d-dikjarazzjoni tad-difiza li l-hati ta istruzzjonijiet biex id-difiza ma titrattax dwar il-piena;

Qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz partikolarment dak li r-reati gew kommessi fil-konfront ta' mara anzjana ta' eta ferm avvanzata u allura mill-aktar vulnerabbli u l-hati abbuza mill-fiducja li l-istess vittma tad-delitt kienet poggiet fih;

Qieset li dan it-tip ta' reat, kull ma jmur, qed isir aktar frekwenti fis-socjeta' Maltija, b'mod li qed johloq insigurta' kbira fost membri anzjani tas-socjeta' li jghixu wahedhom u l-membri tal-familji taghhom li ma jistghux ikollhom mohhom mistrieh dwar is-sigurta' tal-gheziez taghhom;

Qieset ukoll il-konkors tar-reati li taghhom instab hati Mario Pollacco kif ukoll li huwa recediv f'delitt li kien ghadu kif gie misjub hati u kkundannat ghalih appena tlett xhur u nofs qabel ma kkommetta d-delitti li taghhom gie misjub hati llum;

Qieset li ma hemm ebda attenwanti ghall-htija tal-akkuzat fil-kommissjoni ta' dan id-delitt fahxi;

Rat il-fedina penali tal-hati;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni ghal kundanna tal-hati ghall-ispejjez peritali inkorsi waqt il-process a tenur tal-Art. 533 tal-Kodici Kriminali;

Rat l-Artikoli 211 (1) (2), 49, 50, 31, kif ukoll l-Artikoli 261 (a) (c) (d) u (e); 262, 267, 268 (b), 269 (g), 272, 277, 329, 330, 279 (b), 280, 17, 492 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Tikkundanna lill-istess Mario Pollacco ghal piena komplessiva ta' hamsa u tlettin (35) sena prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas il-perjodu kollu li l-hati qatta arrestat in konessjoni ma' dan il-kaz u tikkundannah ukoll ihallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta' elf tlett mija u wiehed u hamsin lira Maltin u hmistax il-centezmu (LM1351.15) rappresentanti l-ispejjes kollha tal-perizji inkorsi tul il-kompilazzjoni u dana bl-applikazzjoni tal-Art. 533 tal-Kodici Kriminali u dana fi zmien xahrejn (2) mill-lum.

(ft) J. G. Galea Debono
Imhallef

Paul Miruzzi
Dep. Registratur
21.06.2002